# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 28 ta’ Dicembru, 2001.**

**Numru 2**

**Rikors numru 571/96 GV**

**Edwin Bartolo**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

**<u>IR-RIKORS PROMOTUR</u>**

Ir-rikorrent Edwin Bartolo pproceda kontra l-Avukat Generali bis-segwenti rikors quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali li bih talab rimedju ghall-allegata revizjoni tal-jedd tieghu li jinghata smiegh xieraq fil-process kriminali fi zmien ragjonevoli:-

"Ir-rikorrent ippremetta illi hu kien gie investigat fid-disgha (9) ta' Dicembru 1981, u sussegwentement imressaq il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti Istruttorja, fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Settembru 1983, fuq akkuzi ta' tentativi ta' omicidju. Waqt il-kumpilazzjoni kien intalab da parti tieghu biss kontroezami ta' xhud. Il-proceduri baqghu miexjin 'il quddiem, u l-Qorti Kriminali tat sentenza taghha fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Ottubru 1994. F'dawn il-proceduri huwa kien ghazel is-sistema minghajr gurija. Illi fl-ewwel sentenza huwa kien instab hati ta' tentativ wiehed u liberat mill-iehor, u kkundannat ghall-prigunerija.

Minn din id-data kien mizmum il-habs, pendenti l-appell u dan minkejja li kien ghamel rikors ghal-liberta' provvisorja u minkejja li l-Qorti kienet irriservat li terga' tezamina s-sitwazzjoni, dwar il-liberta' provvisorja ghaliex l-appell kellu jinstema' fi ftit xhur.

Effettivament huwa baqa' l-habs sad-dsatax (19) ta' Awissu 1996 meta gie liberat mill-akkuzi kollha, u ghalhekk barra d-dewmien tal-proceduri fihom infushom, kien hemm ukoll detenzjoni ta' sitt mija u tnejn u sittin gurnata (662).

Illi t-tul tal-proceduri li kien ta' erbatax (14)-il sena, seba' xhur u tlettax-il jum, u specjalment iz-zmien li ghamel minghajr liberta' jikkostitwixxu ksur tad-dritt fondamentali tal-esponenti taht l-Art. 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, [u cioe' taht il-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem] u jintitolah mhux biss ghad-dikjarazzjoni ta' tali vjolazzjoni imma wkoll ghall-kumpens xieraq taht l-Artikolu 50 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-vjolazzjoni tikkonsisti f'li "fid-decizjoni ….. ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghas-smiegh ….. fi zmien ragjonevoli ……."

Kieku kellha biss tigi invertita r-regola tal-ligi li ghal nuqqas ta' hlas ta' multa, kull Lm5 titqies gurnata, 662 gurnata l-habs ghandhom valur, u dan barra d-danni li sofra l-esponenti minhabba tali detenzjoni specjalment fix-xoghol tieghu ghat-trobbija tal-annimali.

Illi skond gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropeja dan id-dewmien ma hux ragjonevoli, u jintitolah ghall-kumpens. Iz-zmien relattiv ghandu jitqies minn meta l-persuna kienet indagata u kien jidher li kontra taghha kienu jistghu jittiehdu proceduri.

Ir-rikorrent talab li din l-Onorabbli Qorti :-

1. Tiddikjara li fil-konfront tal-esponenti, gew vjolati l-jeddijiet protetti mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Tillikwida l-kumpens dovut ghal tali vjolazzjoni, u d-danni sofferti mill-esponenti, u konsegwentement tordna l-hlas tal-istess ammont likwidat lill-esponenti.

Bl-ispejjez."

## IR-RISPOSTA

L-Avukat Generali hekk irrisponda ghall-ilment tar-rikorrent :-

"1. Illi kieku kien hemm xi dewmien irragjonevoli kif pretiz mir-rikorrent, wiehed kien jistenna li l-istess rikorrent kien tempestivament jirravisa tali dewmien u jaghmel xi tentattiv sabiex jissollecita li l-proceduri fil-konfront tieghu jigu spediti. Ma jirrizultax li r-rikorrent qatt ghamel l-icken tentattiv simili : la fil-kors tal-kumpilazzjoni u wara l-prezentata tal-att ta' akkuza sakemm sar il-guri, meta fil-frattemp ir-rikorrent kien il-hin kollu bil-liberta' provizorja, lanqas wara d-decizjoni tal-Qorti Kriminali u wara l-appell tieghu sad-decizjoni finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Meta applikant naqas milli juri li ha xi passi biex jitkomplew il-proceduri, l-Kummissjoni taht il-Konvenzjoni Ewropeja sabet li ma kienx hemm ksur (ara Digest p.510) waqt li a kuntrarju l-fatt li l-applikant kien ipprova jissollecita l-kontinwazzjoni tal-proceduri kien fattur determinanti biex il-Qorti ssib li hemm ksur (ara l-Kaz Massa deciz fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Awissu, 1993). Huwa biss issa li l-kaz kontra tieghu gie definittivament deciz b'ezitu favorevoli ghalih li r-rikorrent ghall-ewwel darba qieghed jilmenta minn dewmien irragjonevoli.

2. It-trapass taz-zmien wahdu, twil kemm hu twil, ma jimplikax necessarjament dewmien <u>irragjonevoli</u> ghal kollox jirrikjedi certu trapass ta' zmien u t-tul ta' zmien necessarju jiddependi minn natura ta' dak li jrid isir u mid-diffikultajiet. Hekk matul il-kumpilazzjoni li hadet madwar sentejn kien mehtieg li jinstemghu cirka 70 xhud, diversi minnhom aktar minn darba u kien mehtieg ukoll li qabel jigi akkuzat ir-rikorrent jigu l-ewwel konkjuzi il-proceduri fil-konfront ta' persuni li kienu originarjament imputati flimkien mieghu. Wara l-prezentata tal-Att ta' Akkuza f'Awissu

1985 saru mhux inqas minn 22 tentattiv biex ir-rikorrent jigi notifikat bl-Att ta' Akkuza minghajr success u meta eventwalment gie notifikat dan kien fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun f'Awissu 1987. Inoltre, wara li gie notifikat bl-Att ta' Akkuza, ir-rikorrent indika x-xhieda li dwarhom gew sollevati xi eccezzjonijiet preliminari mill-prosekuzzjoni li gew decizi in prim'istanza fl-erbgha (4) ta' Dicembru 1987, u f'sede ta' appell fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu 1988. Wara li gew decizi definittivament l-eccezzjonijiet preliminari, ghal darb'ohra kienet instabet diffikulta' sabiex ir-rikorrent jigi notifikat bir-riappuntament quddiem il-Qorti Kriminali. F'okkazjoni minnhom il-guri kien appuntat biex isir f'Novembru 1992 izda r-rikorrent talab li l-guri jigi differit sabiex id-difensuri tieghu jkunu jistghu jiffamiljarizzaw ruhhom mal-atti tal-process. Tul dan iz-zmien kollu sakemm eventwalment seta' jsir il-guri f'Settembru 1994 ir-rikorrent qatt ma lmenta minn xi dewmien irragjonevoli jew ghamel xi talba biex jissollecita l-appuntament tal-guri. Di fatti r-rikorrent jidher li l-ilment tieghu aktar jirrigwarda z-zmien li ghamel detenut il-habs wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali milli t-tul tal-proceduri sakemm sar il-guri.

3. Ghandu jigi rilevat ukoll illi r-rikorrent imkien ma jallega li l-Qorti tal-Appell Kriminali hadet xi zmien irragjonevoli biex iddecidiet l-appell. Certament meta wiehed jiehu qis taz-zmien li necessarjament kellu jittiehed sabiex issir it-traskrizzjoni volominuza tax-xhieda u provi kollha li saru fl-ewwel istanza qabel seta' jigi trattat l-appell li kien jimpernja ruhu fuq l-allegazzjoni li r-rikorrent instab hati hazin fuq il-provi u z-zmien li necessarjament kellha tiehu l-Qorti sabiex tezamina l-istess provi biex tiddeciedi kienitx saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja kif kienet tenuta taghmel fis-sens tal-proviso tal-artikolu 501(1) tal-Kodici Kriminali, ma jistax jinghad li kien hemm tali dewmien irragjonevoli. Incidentalment imkien fid-digriet taghha tat-tmintax (18) ta' Novembru 1994 dwar it-talba ghal-liberta' provizorja ma jirrizulta li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriservat li terga' tezamina s-sitwazzjoni "ghaliex l-appell kellu jinstema' fi ftit xhur" kif allegat fit-tieni paragrafu tar-rikors. Dak li verament irriservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet imsemmi kien li tvarja l-provvediment taghha "jekk ic-cirkostanzi jinbidlu u jkun evidenti li mhux possibbli li l-appell jigi terminat fi zmien ragjonevoli".

4. Anqas hi korretta l-impressjoni li donnu jrid jaghti r-rikorrent fil-paragrafu ta' qabel l-ahhar fir-rikors tieghu li skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja d-dewmien irragjonevoli fil-proceduri invarjabilment jaghtu lok ghall-pagament ta' kumpens. F'diversi okkazjonijiet dik il-Qorti ghalkemm irravisat dewmien irragjonevoli rriteniet li d-determinazzjoni taghha f'dak is-sens kienet tikkostitwixxi bizzejjed "just satisfaction". Mhux korrett

ukoll dak li jinghad fl-istess paragrafu li ghall-finijiet tal-komputazzjoni taz-zmien relevanta taht l-artikolu 61) ghandu jitqies "minn meta l-persuna kienet indagata u kien jidher li kontra taghha kienu jistghu jittiehdu proceduri". Dak li gie ritenut mill-organi kompetenti taht il-Konvenzjoni Ewropeja f'dan ir-rigward hu li z-zmien relevanti jiskatta minn meta "the situation of the person suspected has been substantially affected by the suspicion against him" u li s-semplici suspett jew investigazzjoni ta' persuna ma jissodisfawx dan il-kriterju.

5. In kwantu ghaz-zmien li r-rikorrent ghamel detenut il-habs in forza tas-sentenza tal-Qorti Kriminali li sabitu hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u hsara volontarja qabel din giet revokata fl-appell ghandu jigi rilevat u l-kwistjoni dwar l-allegat dewmien fil-proceduri hi distinta mill-kwistjoni tad-detenzjoni. l-allegat dewmien irragjonevoli ma jwassalx ghall-konkluzjooni li d-detenzjoni msemmija kienet, kif allegat, bi ksur tad-dritt sancit bl-artikolu 6(1) tal-Ewwel Skeda mal-Kap. .319. Di fatti l-artikolu 6(1) b'ebda mod ma jitratta dwar detenzjono. Ma hemm ebda ness logiku jew guridiku bejn l-allegat dewmien fil-proceduri u l-allegazzjoni li z-zmien li r-rikorrent ghamel minghajr liberta' jikkostitwixxi ksur tad-dritt fl-artikolu 6(1). Id-dewmien anke irragjonevoli fil-proceduri ma jaghti ebda lok ghal kumpens ghaz-zmien li persuna taghmel detenuta fil-kors tal-istess proceduri ghaliex l-istess detenzjoni b'ebda mod ma tista' titqies in vjolazzjoni ta' dak l-artikolu. Fatt li ma jiksirx l-artikolu 6(1) ma jistax fl-istess hin jaghti lok ghall-kumpens taht l-istess artikolu.

6. In kwantu r-rikorrnt jinvoka l-artikolu 50 tal-Konvenzjoni Ewropeja l-esponenti jirrileva li l-istess artikolu ma jinsabx riprodott fl-Ewwel Skeda mal-Kap. 319 u ghalhekk ma hux applikabbli minn din l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant u ghal ragunijiet ohra li jigu spjegati waqt it-trattazzjoni tar-rikors it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu."

**DECIDE**

B'sentenza tad-29 ta' Ottubru 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet ir-rikors billi ddikjarat li fil-konfront tar-rikorrenti nkiser l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja billi r-rikorrenti ma nghatax

smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u li d-dikjarazzjoni ta' tali vjolenza hi bizzejjed bhala rimedju. Spejjez ghall-intimat in vista tal-vjolazzjoni.

## MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha wara li ppuntwalizzat x'kienu t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors u l-kontestazzjoni tal-intimat kif esposta fir-risposta :-

> "**Konsiderazzjoni ta' dritt**
>
> Skond id-dottrina li tohrog mis-sentenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ;
>
> Fil-kaz ta' tul il-proceduri, il-Qorti trid tezamina :
>
> (a) The period that has to be taken into consideration.
>
> As to the starting point, in criminal matters, the reasonable time referred to in Art. 6(1) begins to run as soon as the person is charged.
>
> (b) Reasonableness of the length of the proceedings.
>
> The reasonableness of the length of proceedings has to be assessed, in particular, in the light of the complexity of the case, the conduct of the applicant and of the relevant authorities. No particular factor is conclusive ; the approach must be to examine them separetely and then to assess their cumulative effect.
>
> The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case. There is no absolute time limit.
>
> Article 6 can only require expendition of cases as is consistent with the proper administration of justice.

Criminal cases generally require more urgency than civil ones, and a more rigorous standard applies where applicant is in detention pending the outcome of his case.

The length of proceedings by itself is only part of the story. A great deal depends on the number of stages involved in the case (preliminary investigation, trial court, appeal court) and the impact of the relevant factors. The Court had been prepared to tolerate some proven instances of delay provided that the overall length of the proceedings is not clearly excessive given the number of stages of proceedings in the case".
**(Law of the European Convention on Human Rights – Harris, O'Boyle Warbick).**

**Fatti tal-kaz**

Dwar il-fatti u d-dewmien lamentat mir-rikorrent il-Qorti tirreferi ghan-nota tar-rikorrent a fol. 9.

L-iter processwali kien hekk :-

Fid-disgha ta' Dicembru 1981 (9/12/81) ir-rikorrent gie investigat ;

Fis-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 1983 (27/9/83) tressaq il-Qorti u ghadda kumpilazzjoni li damet sejra sentejn ;

Fis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1985 (27/8/85) gie prezentat l-att ta' akkuza ;

Saru tnejn u ghoxrin (22) tentativ biex ir-rikorrent jigi notifikat bl-Att ta' Akkuza minghajr success. (Ara fol 52,558 u 87).

Ir-rikorrent gie notifikat f'Awissu 1987 u l-guri gie appuntat ;

Kien hemm decizjonijiet preliminari mill-prim'istanza fl-erbgha ta' Dicembru 1987 (4/12/87) u mis-sede ta' l-appell fit-tnejn u ghoxrin ta' Marzu 1988 (22/3/88).

Il-Guri rega' gie appuntat mal-ghoxrin ta' Gunju 1989 (20/6/89) izda dakinhar ir-rikorrent ma deherx ghax ma kienx gie notifikat (ir-riferti kienu unclaimed u ma fetah hadd u l-Avukat Generali kien ghamel verbal u nsista biex issir in-notifika).

Il-Guri gie differit ghat-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1989 (23/6/89) u r-rikorrent gie notifikat izda l-Guri gie differit mill-Qorti ghat-tlieta ta' Ottubru 1989 (3/10/89) ;

F'dik id-data r-rikorrent kien deher izda l-Guri rega' gie differit ghas-sitta ta' Marzu 1990 (6/3/90).

F'dik id-data l-Guri rega' gie differit ghat-tnejn ta' Ottubru 1990(2/10/90) billi l-Qorti kienet okkupata b'kawzi ohra ;

Fit-tnejn ta' Ottubru 1990 (2/10/90) il-Guri rega' gie differit, billi l-Qorti kienet okkupata, ghas-sittax ta' Ottubru 1990 (16/10/90) u wara dik id-data rega' gie differit, din id-darba, bla data.

Imbaghad il-Guri gie ri-appuntat fis-sittax ta' Novembru 1992 (16/11/92) (kwazi sentejn wara) ;

Fit-tlettax ta' Novembru 1992 (13/11/92) ir-rikorrent talab differiment biex l-avukati difensuri jkunu jistghu jiffamiljarizzaw ruhhom mal-atti tal-process.

Il-Guri gie differit ghat-tlieta ta' Dicembru 1992 (3/12/92) imbaghad ghad-disgha ta' Dicembru 1992 (9/12/92) ; imbaghad ghal-hdax ta' Dicembru 1992 (11/12/92) ; wara ghal-hdax ta' Jannar 1993 (11/1/93) imbaghad ghal-ghoxrin ta' Jannar 1993 (20/01/93). F'dik id-data l-guri gie differit bla data biex tinghata precedenza ghal gurijiet ohra fejn kien hemm imputat arrestat. Il-Guri gie appuntat fit-tlieta w ghoxrin ta' Marzu 1994 (23/3/94) u differit ghat-22 ta' Settembru (22/9/94) ghat-trattazzjoni u ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 1994 (27/10/94).

Mis-sentenza tal-prim'istanza sar appell u dan gie deciz fid-dsatax ta' Awissu 1996 (19/8/96) u r-rikorrent gie liberat mill-Appell Kriminali.

**<u>Dewmien</u>**

Ir-rikorrent qed jissottometti li kien hemm dewmien ta' erbatax-il sena, seba' xhur u tlettax-il jum. Id-dewmien ma kienx biss f'perjodu singolari imma anke kumulativament. A fol 12 para c ir-rikorrent jaghti fid-dettal f'hiex kien jikkonsisti dan id-dewmien. Hu jghid li l-investigazzjoni originali damet sena u disa' xhur ; li r-rinviji damu sena u tmien xhur ; li l-kaz beda jinstema verament disa' (9) snin wara l-att tal-akkuza ; l-appell fuq punti ta' ligi dam sentejn nieqes ftit granet, meta ma nstema ebda xhud. Dawn kollha huma zminijiet li jaqbzu l-kriterju ta' ragjonevolezza.

Fil-kaz in ezami l-Qorti trid tezamina, "the conduct of the applicant and of the relevant authorities and the complexity of the case."

**Conduct of the applicant –**

L-intimat qed jissottometti li r-rikorrent ma ghamel ebda tentattiv biex jissollecita li l-proceduri fil-konfront tieghu jigu spediti. Ir-rikorrent wiegeb li hu la fixkel u lanqas tawwal il-proceduri.

Gie deciz mill-Qorti Ewropeja li "an accused person may not be required to co-operate actively in expediting the proceedings which lead to his own convinction". "A party to proceedings can also not be blamed for making use of his right to bring an appeal" Eckle A. 51 (1982). Fil-kaz in ezami l-Qorti ma tarax li l-imputat ghamel xi haga biex tawwal inutilment il-proceduri.

**Conduct of the authorities –**

Fil-kaz in ezami kien hemm perjodu ta' xi sentejn bejn in-1985 u 1987 biex ir-rikorrent jigi notifikat. Ir-rikorrent qal li hu dejjem baqa' jghix fl-istess post u jahdem fl-istess razzett. Fl-istess zmien hu kien jidher il-Qorti in konnessjoni ma' materji ohra u qatt ma kien mohbi jew mahrub minn Malta. Kien jiffirma l-Ghassa taz-Zejtun mill-inqas darba fil-gimgha, jidhol reglarment il-biccerija in konnessjoni man-negozju tieghu u fil-bieb tal-biccerija kien hemm pulizija regolarment. Ghalhekk ma kienx tort tieghu jekk ma giex notifikat regolarment (ara fol 21). (Dwar dan id-dewmien ara aktar 'il quddiem fis-sentenza fejn il-Qorti titkellem dwar meta jibda z-zmien li fuqu ssir il-kalkolu ghad-dewmien).

Kien hemm perjodu ta' sena u tlett xhur bejn Marzu 1988 u Gunju 1989 biex il-Guri jerga' jigi riappuntat minn meta gew decizi l-eccezzjonijiet preliminari mill-Appell.

Kien hemm perjodu iehor bejn Gunju 1989 u Ottubru 1990 meta l-Guri beda jigi differit bla ma jsir xejn billi l-Qorti kienet okkupata b'xoghol iehor.

Imbaghad kien hemm perjodu ta' sentejn bejn Ottubru 1990 u Novembru 1992 biex il-Guri rega' gie appuntat fejn ukoll ma sar xejn. Imbaghad fl-ghoxrin (20) ta' Jannar 1993 il-Guri gie differit bla data ghal sena u xahrejn ohra u ma sar xejn billi kellhom jinghataw precedenza gurijiet ohra fejn l-imputat kien ghadu arrestat.

F'dawn il-perjodi msemmija, bejn 1988 u 1992, fejn ma sar xejn kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6(1).

Minn 1994 sad-decizjoni ta' l-appell dejjem sar xi haga utili.

**Complexity of the case –**

A case can be complicated for many reasons – eg : volume of evidence, number of defendants or charges, the need to obtain expert evidence from abroad or the complexity of the legal issues involved ; evidence of other accused.

Fil-kaz in ezami kien hemm sebghin (70) xhieda li kellhom jinstemghu u fil-fatt f'perjodu ta' sentejn instemghu. Ghalhekk il-kaz tar-rikorrent ma kienx wiehed tant kompless li kien jehtiegu dak iz-zmien kollu li effettivament ha biex jinqata.

L-intimat semma li kien mehtieg f'dan il-kaz li qabel jigi akkuzat ir-rikorrent jigu l-ewwel konkluzi il-proceduri fil-konfront ta' persuni li originarjament kienu imputati flimkien mar-rikorrent. Il-Qrati Ewropeja fuq dewmien ta' dan it-tip iddecidiet li "whereas it may be sensible to hear cases against two or more accused persons together, this cannot "justify substantial delay" in the bringing of a case against any one of them" (Hentrick vs France (1994) Kemmache vs France (1991). "A fair balace has to be struck between the principle that judicial proceedings should be expenditious and the more general principle of the proper administration of justice. (Boddaert v Belgium 1992).

Fil-kaz in ezami l-artikoli kontra A. Spiteri hargu fit-tletin ta' Awissu 1984 (30/8/84) u s-sentenza inghatat fis-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru 1984 (27/12/84) u l-att ta' l-akkuza kontra r-rikorrent hareg fis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1985. F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li ma kienx hemm dewmien bejn meta nqata' l-kaz ta' Spiteri, li kellu jixhed kontra r-rikorrent, u meta nhareg l-Att ta' Akkuza kontra r-rikorrent.

Tikkunsidra

**Minn meta jibda z-zmien**

"In criminal cases the reasonable time guarantee runs from the moment that an individual is subject to a 'charge'". Dan gie interpretat li jfisser li "it is the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offense or some other act which carries the implication of such an allegation and which likewise substantially affects the situation of the suspect."

Izda jinghad ukoll li "if the defendant state has accepted the right of individual petition after Article 6 has began to apply to a

particular case, the "reasonable time" guarantee will only begin to run as of the date of acceptance of the right of petition". (Foti vs Italy (1982). Fil-kaz ta' Malta l-individual right of petition gie accettat fl-1987.

Ir-rikorrent kien beda jigi investigat fid-disgha ta' Dicembru 1981 (9/12/81) imbaghad gie mressaq il-Qorti fis-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 1983 (27/9/83). Il-kumpilazzjoni damet sentejn u fiha nstemghu sebghin (70) xhud. Fl-1985 inhareg l-att ta' akkuza u wara tnejn u ghoxrin (22) attentat ghan-notifika r-rikorrent gie notifikat fl-1987.

Il-European Convention Act Ch. 319 dahal in vigore fl-1987 u gie introdott id-dritt ghal individual petition. Ghalhekk il-perjodu f'dana l-kaz jibda minn dsatax ta' Awissu 1987 (19th August 1987). Ir-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-artikolu 6 (1) tal-European Convention Act biss.

Minn ezami ta' iter li ha dana l-process jirrizulta li kien hemm dewmien bejn 1988 u 1992 fil-perjodu meta r-rikorrent ma giex notifikat u meta l-Guri beda jigi differit inutilment u ma jsir xejn.

Ghalhekk ghal dan il-perjodu kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(1) minhabba dewmien fil-proceduri.

**Danni**

Kwantu ghat-talba ghal kumpens u danni, l-Qorti Prim'Awla Sede Kostituzzjonali f'diversi sentenzi tat kemm kumpens kif ukoll danni, minhabba vjolazzjoni tal-Konvenzjoni.

F'dan il-kaz ir-rikorrent qed jitlob kumpens ghal ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tieghu kif ukoll danni ghal telf ta' flus/negozju li hu sofra fiz-zmien li kien il-habs, minhabba l-arrest inutili tieghu.

Dwar il-kumpens ghas-sejba ta' vjolazzjoni tal-Konvenzjoni l-Qorti se tipprovdi fl-ahhar tas-sentenza izda dwar id-danni u telf ta' flus tirrileva li l-ilment tar-rikorrent jidher li aktar jirrigwarda z-zmien li ghamel detenut il-habs wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali milli t-tul tal-proceduri sakemm isir il-guri.

Il-kwistjoni dwar l-allegat dewmien fil-proceduri hi distinta mill-kwistjoni tad-detenzjoni. Id-dewmien tal-proceduri ma jwasslux ghal konkluzjoni li ghalhekk id-detenzjoni kienet illegali. Fil-fatt id-dewmien li l-Qorti rravvisat hu qabel il-perjodu li r-rikorrent kien detenut. Ir-rikorrent mhux qed jghid li d-detenzjoni tiegu kienet

illegali bi ksur ta’ xi artikolu tal-Konvenzjoni hlief dak taht l-artikolu 6(1).

L-artikolu 6(1) li fuqu r-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu jittratta dwar smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u mhux dwar detenzjoni illegali. Hu l-artikolu 5(5) li jitratta dwar dan u dwar id-dritt ghall-kumpens. Il-fatt li r-rikorrent ghamel zmien detenut pendenti l-appell ma jammontax ghal ksur tal-artikolu 6(1) li qed jinvoka r-rikorrent fir-rikors tieghu u lanqas ghal dritt ghal kumpens. Hu l-artikolu 5(5) biss li jaghti “an enforceable right to compensation”. Ma jirrizultax li kien hemm dewmien irragjonevoli biex il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet l-appell tieghu. Dan kien appell minn Guri u l-Qorti kellha tezamina volumi f’xhieda biex tara jekk kienitx saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

Hu biss meta r-rikorrent kienil-habs, cioe’ pendenti l-appell mill-guri, li hu ma setax jattendi r-razzett u jimmanigjah kif suppost (ara fol 22) u mhux meta kien qed jistenna li jsir il-guri. Id-dewmien mhux ragjonevoli kien biss sakemm ir-rikorrent kien qed jistenna li jsir il-guri. Inoltre jigi osservat li meta r-rikorrent kien detenut hu kien ghamel erbgha w sittin (64) talba biex johrog mill-habs bejn Settembru 1994 u Awissu 1996 u fil-maggoranza assoluta taghhom it-talba kienet biex imur izur iz-zija u mhux biex imur il-farm.

Jigi rilevat ukoll li kif semma l-intimat id-danni ma gewx sofferti mir-rikorrent imma mill-kumpanija E.V. Limited li ma kellhiex x’taqsam mal-proceduri li minnhom ir-rikorrent qed jilmenta. (Ara dokumenti a fol 48, 124, 134, 220 u ohrajn). Ir-rikorrent xehed li l-farm kienet gestita mill-kumpanija E.V. u li fiha kien hemm hu u l-mara tieghu. Id-directors’ fees li hu personalment kien jircievi baqa’ jircevihom (fol 197).

Dwar l-ispejjez legali li r-rikorrent talab, dawn ir-rikorrent l-istess kien ikollu jhallashom anke kieku ma kienx hemm dan id-dewmien.

Rigward in-nofs paga li kien qed jircievi, jirrizulta mill-provi li mhux eskluz li se jithallas.

## <u>Konkluzjoni</u>

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi li kien hemm ksur ta’ l-artikolu 6(1) u dana ghal perjodu ndikat mill-1988 sal-1992. Billi f’dan il-kaz il-kumpens/danni reklamati mir-rikorrent huma kollha minhabba telf li jallega li sofra fiz-zmien meta kien detenut u mhux minhabba tul irragjonevoli tal-proceduri, w inoltre billi r-

rikorrent ma lmenta minn ebda dewmien hlief meta kellu jezitu favorevoli mill-Appell u qatt ma ssollecita biex il-proceduri fil-konfront tieghu jigu konkluzi, tiddeciedi li gew vjolati d-drittijiet tieghu hi bizzejjed bhala rimedju.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Jinghad qabel xejn, ghax dana jillimita l-arja ta' kontestazzjoni, illi minn din is-sentenza appella biss ir-rikorrent. L-intimat l-Avukat Generali ma appellax. Infatti fir-risposta tieghu ghar-rikors tal-appell tal-istess Edwin Bartolo huwa ddikjara illi – wiehed jifhem illi l-ispejjez relattivi ghall-appell. Din id-dikjarazzjoni saret b'rizerva illi l-istess Avukat Generali ma kienx jkkondividi l-premessi kollha li wasslu ghad-decizjoni fis-sentenza appellata b'mod partikolari dwar certi perjodi ta' zmien li dwarhom l-ewwel Qorti rriskontrat dewmien irragjonevoli u specjalment dwar perjodu li fih, nonostante diversi tentattivi biex l-appellant jigi notifikat bl-att ta' akkuza dawn it-tentattivi ma kellhomx success u ma rrizultax xi nuqqas jew abbuz da parti ta' l-ufficjali addetti ghal tali skop. Din id-dikjarazzjoni tal-Avukat Generali tpoggi lil din il-Qorti f'sitwazzjoni fejn kellha tiehu bhala li ghaddiet in gudikat dik il-parti tas-sentenza li kkostatat illi r-rikorrent kien adegwatament ipprova l-lanjanza tieghu li huwa kien sofra lezjoni tal-jedd fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq in kwantu dan ma giex lilu moghti fi zmien ragjonevoli. Il-kontestazzjoni allura tirrisolvi ruhha f'wahda ta' konsiderazzjoni da parti ta' din il-Qorti dwar jekk ir-rimedju li l-ewwel Qorti tat b'sodisfazzjon tal-lezjoni

riskontrata kienu fic-cirkostanzi kien wiehed xieraq u adegwat. Sa hawn il-kompitu ta' din il-Qorti gie facilitat.

Tajjeb jinghad ukoll f'dan l-istadju illi din il-Qorti, kif presjeduta, kienet attirat l-attenzjoni difensuri ghall-fatt illi z-zewg kompetenti taghha u cioe' l-President tal-Qrati, li ppresediha, u l-Onorevoli Imhallef Carmel A. Agius kienu jifformaw parti mill-Qorti tal-Appell Kriminali li ddecidiet l-appell li ghamel ir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Irrilevat illi l-ilment kostituzzjonali kien jinvesti wkoll in parte l-operat ta' dik il-Qorti fir-rigward tas-solerzja li bih gie trattat il-kaz quddiemha. Il-kontendenti quddiem din il-Qorti rrinunzjaw ghal kull eccezzjoni tar-rikuza u konsegwentement il-Qorti kif komposta ddikjarat li ma kienx hemm raguni biex ma tipprocedix bis-smiegh tal-kawza fil-mertu. Dan, pero', illi konsegwentement, wara analizi aktar pronfondita proprju tal-mertu involut, kien wassal ghall-astenzjoni tal-Onorevoli Imhallef Carmel A. Agius u l-appell gie trattat quddiem il-Qorti kif issa komposta. Din il-Qorti allura ma tistax ma tinsenjalax kemm l-att pozittiv tal-Avukat Generali illi ma jikkontestax l-ovvju fir-rigward tal-fatt innifsu tad-dewmien esagerat tal-process quddiem il-qrati kriminali li ghalih kien gja' soggettat ir-rikorrent, u dana bid-debiti kawteli gusti u opportuni, kif ukoll il-korrettezza tal-partijet illi ma jinsistux fuq l-eccezzjoni tar-rikuza meta l-mertu seta' serenament jigi kkonsidrat u deciz mill-Qorti kif allura komposta.

Ir-rikors promotur f'din l-istanza jimmira ghad-dikjarazzjoni mill-Qorti li fil-konfront tar-rikorrent gew vjolati l-jeddijiet protetti mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, li hu inkorporat fl-ewwel skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, li kien jesigi li, fid-decizjoni ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kull individwu kien intitolat ghal smiegh xieraq <u>fi zmien ragjonevoli</u>. Kull element li jinvolvi analizi taz-zmien kien jinnecessita' qabel kollox id-determinazzjoni tal-punt ta' tluq li minnu jibda jiddekorri dak iz-zmien u tal-punt tat-tmiem u cioe' meta jieqaf jiddekorri. Fir-rigward tal-punt ta' tluq gie komputat iz-zmien li ddekorra kompiment tal-process kriminali u li minnu essenzjalment kellu isir l-apprezzament jekk tali zmien kienx xieraq jew le. L-organi gjudizzjarji ewropej stabbilew kostantament illi "in the context of criminal cases the Court has established that the time runs from the time "official notification (has been) given to an individual by the competent authority of an allegation that has committed a criminal offence or when the situation of the (suspect) has been substantially affected. The same standard that applies in determining whether one should be considered to have been charged with a criminal offence" (Duer Judgement 27th February 1980 series A no. 35 pg. 24, Eckle Judgement 15th July 1982 series A no. 51 para. 33).

Jirrizulta mill-atti illi r-rikorrent kien gie investigat mill-Pulizija fid-9 ta' Dicembru 1981 ma tirrizulta qua l-ebda prova illi bhala konsegwenza ta' dik l-investigazzjoni hu kien gie moghti avviz formali li kien qed jigi

nvestigat u wisq anqas jirrizulta mill-atti li bhala konsegwenza biss ta' dik ic-cirkostanza l-posizzjoni tieghu, fir-rigward tad-danni reklamati f'din l-istanza, kienet giet b'xi mod affetta negattivament. Hu provat li fis-27 ta' Settembru 1983 hu kien tressaq il-Qorti u kien ghadda kumpilazzjoni li kienet damet sejra sentejn. Ma jistax ikun hemm dubbju illi b'effett minn dik id-data kellu zgur jibda jiddekorri z-zmien minn mindu kellha tigi apprezzata r-ragjonevezza tad-durata sakemm dak il-process hekk inizzjat kontra tieghu quddiem il-qrati kriminali gie finalment konkjuz. Hu wkoll provat mill-atti illi r-rikorrent appella mis-sejbien tal-htija quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u din finalment iddecidiet il-kawza fid-19 ta' Awissu 1996.

L-organi gudizzjarji ewropej jirritjenu illi t-temm taz-zmien kellu jigi meqjus li hu l-mument meta l-incertezza fir-rigward tal-validita' tal-akkuza migjuba kontra l-akkuzat tintemm. "This uncertainly comes finally to an end only where decision on the charge against the accused has been made …… at highest instance or has become final with the expiration of the time limit for appeal or when further prosecution is refrained for ……." (Kaz Huber Year Book XVIII 1975 u s-sentenza fil-kawza Ringeisen 1971 fejn il-Qorti titkellem dwar "a final decision") Ghamlet sew l-ewwel Qorti allura illi bhala mument tat-temm tal-proceduri ghal fini tad-determinazzjoni tar-ragjonevolezza taz-zmien dekors kellha tittiehed id-data tal-ghoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. B'kollox jirrizulta allura li kienu ddekorrew tista' tghid tlettax-il

sena. Zmien indubbjament inordinatament twil li altru milli jiggustifika lill-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha illi kien fih innifsu u wahdu jissostanzja l-allegazzjoni li l-proceduri ma ntememwx fi zmien ragjonevoli.

Minghajr ma xejn ma jnaqqas l-gravita' ta' dak li ghadu kemm gie kkostatat din il-Qorti ma tistax ma taghmilx zewg osservazzjonijiet li direttament jincidu fuq dak li l-Qorti kellha tqis bhala z-zmien ghal fini ta' frawdolezza tat-terminu skond is-subinciz 1 tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. "In the determination of the relevant period the "competentio ratione temporis" must be taken into account. Thus in the case of an individual complaint conserning proceedings which are already in progress at the moment the State concerned recognise the <u>individual's right of complaint under article 25,</u> only the length of the period from that moment can be taken into account although for the assessment of the reasonableness of that period the stage in which the proceedings were at that moment if indeed taken into consideration". (Theory and Practice of the European Convention on Human Rights P. Van Dyk, GJH Van Hoof Second Edition pages 328 et sec).

F'dan ir-rigward l-appellant jaghmel sottomissjoni korrettorja gusta fir-rigward tas-sentenza appellata. Hu jissottometti li fil-kalkolu ta' meta setghet tara jekk kienx hemm ksur ta' artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija kellha tiehu d-data tad-<u>19 ta' Awissu 1987</u>. Dan kien

zbaljat kemm storikament u kemm legalment. Id-dritt individwali tal-pretensjoni quddiem l-organi tal-Qorti Ewropeja dahal mill-1 ta' Mejju 1997. Dan jirrizulta mid-dikjarazzjoni tal-Gvern Malti depozitata fit-30 ta' April 1987. Il-Kap. 319 ghamel il-Konvenzjoni bhala parti mil-ligijiet ta' Malta u allura rrendiha applikabbli daqs kull legislazzjoni ohra. "Imma anke fl-istess Kap 319 ripetutament wiehed isib li dik il-ligi ma tapplikax ghall-vjolazzjonijiet ta' qabel it-30 ta' April 1987. Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti d-dritt tal-pretensjoni individwali ma jidholx bil-legislazzjoni tal-pajjiz imma jidhol bl-istrument internazzjonali ta' adezjoni depozitat mal-Kunsill tal-Ewropa ……." Ghall-fini tat-terminu ut sic allura, dan kellu jigi stabbilit bejn id-dati tat-30 ta' April 1987 u dik tad-19 ta' Awissu 1996 meta gie deciz l-appell. Terminu ta' disa' snin u erba' xhur cirka. Fil-mument meta beda jiddekorri t-terminu ghall-finijiet tal-Konvenzjoni, il-proceduri kontra r-rikorrent kienu waslu fi stat fejn il-kumpilazzjoni kienet intemmet. Kien hareg l-att ta' akkuza kontra tieghu. Kienu saru, kif kienu elenkati fis-sentenza appellata, tnejn u ghoxrin tentattiv biex hu jigi notifikat bl-att tal-akkuza u kien wasal biex jigi notifikat bih kif effettivament sar f'Awissu 1997 meta l-guri gie appuntat ghas-smiegh.

Dak li sehh qabel ma giet in vigore l-Konvenzjoni f'Malta ma setax jigi kalkolat ghall-fini tad-determinazzjoni <u>tat-tul</u> taz-zmien. Seta' jittiehed in konsiderazzjoni pero' ghall-fini tal-apprezzament tar-ragjonevolezza. L-ewwel Qorti accennat ghat-telf ta' zmien minhabba n-nuqqas ta' notifiki.

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax, ghaliex il-gustizzja kellha ssir mil-Qorti saqajha mal-art u konxja ta' dak li qed jigri madwarha, illi l-amministrazzjoni tal-Qorti bl-ebda mod ma setghet tiggustifika l-htiega ta' tnejn u ghoxrin tentattiv ta' notifika minn meta nhareg l-att tal-akkuza sa meta gie effettivament ir-rikorrent notifikat bih. F'dan indubbjament kien hemm – u din hi l-konvenzjoni tal-Qorti - l-komplicita' attiva tar-rikorrent. Infatti lil din il-Qorti jirrizultalha illi l-kumpilazzjoni saret bi speditezza dovuta fic-cirkostanzi kkunsidrata x-xorta tal-akkuza u l-kuntest li fih jirrizulta li sar id-delitt li bih ir-rikorrent kien akkuzat. Kien biss meta wasal il-mument krucjali biex il-kaz jinstema' il-Qorti Kriminali illi r-rikorrent donnu zvanixxa.

Il-Qorti tinnota wkoll il-kontenut socio politiku tal-incidenti li pprovokaw l-incident – anke hawn il-Qorti jehtigielha tqis l-element biex tasal ghall-apprezzament gust tar-ragjonevolezza tal-element taz-zmien – u ma tistax allura ma tinnotax ukoll illi r-rikorrent gie notifikat appena kien hemm tibdil fl-amministrazzjoni. In-notifika bl-att tal-akkuza naturalment saret lir-rikorrent f'Awissu 1987. Veru li "habent sua sidera lites" imma kultant l-istillel jigu kkundizzjonati jekk mhux manipulati bl-operat tal-bnedmin. Dan qed jinghad proprju ghaliex ir-rikorrent mill-atti jirrizulta mhux biss li kien bniedem tan-negozju imma wkoll li kellu konnessjonijiet qawwija f'dan ir-rigward anke ma' anti governattivi. Kien allura sewwa maghruf u ma kellu jkun hemm assolutament l-ebda diffikolta' biex jigi notifikat. Ostakolu dan li ma jirrizultax li nstab fit-

trattazzjoni tal-hafna rikorsi tieghu biex jottjeni xi differiment jew iehor. Dan kollu jigi naturalment fuq il-kondotta tal-applikant li f'dan il-kaz hi indikattiva ta' sforzi biex il-process jigi rallentatat li kien wiehed mill-elementi essenzjali li l-Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni biex tistabbilixxi jekk kienitx gustifikata l-lanjanza li l-process ma kienx sar fi zmien ragjonevoli.

Dan naturalment ma jfissirx illi l-akkuzat kellu xi obbligu illi jikkopera mal-Qorti biex il-process kriminali kontra tieghu isir u jsir malajr. "But it is generally excepted that the accused person is under no obligation to renounce his procedural rights or to cooperate in criminal procedures against him. However there are two extreme views as to the question of what should be the effect of an uncooperative attitude on the part of the applicant with regard to his claim that the proceedings against him have lasted beyond a reasonable time. In one view such an attitude is considered as constituting part of his right as defendant with the consequence that his conduct is irrelevant with regard to his subsequent allegation that article 6(1) has been violated by reason of the length of these proceedings. According to the other view his failure to cooperate and even more so any deliberate action on his part to obstruct the proceedings against him would, as a matter of equity, have to be regarded as estopping the applicant from complaining under article 6(1) about the length of proceedings." The convention organs has not adopted either of these extremes holding that any

uncooperative or obstructive attitude of an individual charged with a criminal offence must be taken into consideration and that in civil suits an interested party must in fact show due diligence in helping to speed up the proceedings" (Law and Practice of European Convention on Human Rights and European Social Charter, Gomien Harris and Zwaak pgs 165 et sec).

Kjarament ma jista' jkun hemm l-ebda regola a priori u kull kaz kellu jigi apprezzat fuq il-merti tieghu. Stabbilit pero' illi t-terminu effettiv li kellha tqis din il-Qorti bhala rilevanti ghall-kaz kien wiehed ta' disa' snin u erba' xhur, u konsidrat illi dak li ntqal aktar 'il fuq fir-rigward tan-notifika sehh effettivament qabel ma beda jiddekorri dan it-terminu, din il-Qorti sejra tqis il-kondotta tal-proceduri minn mindu nhareg l-att tal-akkuza sakemm gie finalment deciz fil-kaz mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Perjodu, kif inghad, ta' cirka disa' snin. Dak li sehh qabel seta' biss kien rilevanti biex il-Qorti tapprezza dak li sehh wara.

F'dan l-istadju din il-Qorti taccetta wkoll rattifika da parti tar-rikorrent appellant illi, kuntrarjament ghal dak illi tghid is-sentenza, dan il-process kriminali li ghalih gie sottomess ma kienx process permezz ta' guri imma rrizolva ruhu f'wiehed ta' kawza kriminali minghajr gurija. F'dan ir-rikorrent hu ovvjament korrett. Ma jfissirx pero' illi hu daqstant korrett fis-sottomissjoni tieghu illi ghaliex il-kaz kien ma kienx jinvolvi gurija allura kien xi wiehed ta' facile spedizione jew li ma kienx jinvolvi

apprezzament ta' provi u interpretazzjoni ta’ punti tad-dritt mill-aktar komplessi u difficili. Qari tas-sentenza moghtija kemm mill-Qorti Kriminali kif ukoll u aktar mill-Qorti tal-Appell Kriminali tizmentixxi ghal kollox is-sottomissjoni ta’ din ix-xorta. Bizzejjed jinghad illi l-Qorti tal-Appell Kriminali waslet ghall-konvinciment divers minn dak li kienet waslet ghalih il-Qorti Kriminali u rrevokat is-sentenza u lliberat lir-rikorrent. Ir-rikors tal-appell f’din l-istanza jirriduci l-mertu ghal wiehed ta' semplici kredibbilita’ ta’ xhud wiehed. Asserzjoni din li mhux biss m’ghandha xejn mil-verita’ imma ma taghtix kreditu ghad-diffikulta’ tal-kaz, il-komplessita tieghu u lill-abilita’ u l-kompetenza tal-abbli prosekutur u tal-abbli difensur. Indubbjament allura t-telfien taz-zmien ma seta’ bl-ebda mod f’dan il-kaz kien addebitat ghal xi prolungament indebitu tal-process innifsu. Kien biss dovut (u dan hu manifest mill-verbali kollha li attestaw il-kondotta tal-proceduri u li taghhom l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament mill-aktar ezawrjenti u korrett fis-sentenza appellata) ghal differimenti wiehed fuq l-iehor li impedew li l-kaz ma jinstemax u mhux li jintralcjaw is-smiegh tieghu. Huma dawk id-differimenti, dovuti ghal responsabbilitajiet diversi kemm mill-Prosekuzzjoni u kemm mid-difiza kif ukoll, mhux eskluz, minn naha tal-Qorti illi wasslu lill-Ewwel Qorti ghall-konvinciment illi kien hemm element ta’ irragjonevolezza fiz-zmien traskors li wassal biex jigi stabbilit li kien hemm lezjoni tal-jedd fondamentali ta’ smiegh xieraq.

Mhux dejjem facli, anke mill-verbali, illi jigi ezattament stabbilit x'kienet il-kawza u r-raguni ghal kull wiehed minn dawn id-differimenti li naturalment abbundaw quddiem il-Qorti Kriminali b'mod partikolari. Dan hu in parti dovut ghall-fatt illi l-verbali jkunu koncizi jew li anke ma jkunux bi precizjoni jirrispekkjaw ir-raguni vera ghad-differiment. Hemm differimenti li huma ovvji. Il-Qorti per ezempju ma tistax taccetta illi kellhom jiddekorru sena u tlett xhur biex jigi traskritt il-process tal-ewwel Qorti anke jekk, kuntrarjament ghal dak li jallega r-rikorrent, l-process kien wiehed pjuttost volominuz. Ghal dan iz-zmien jew ahjar it-telfien tieghu kellha tirrispondi l-amministrazzjoni. Pero' mhux l-istess jista' jinghad ghal hafna u hafna verbali ta' differimenti quddiem il-Qorti Kriminali li dwarhom din il-Qorti ssibha difficili biex tifformola opinjoni korretta u attendibbli u ghalhekk kienux jew le gustifikati. Minn banda wahda hi ma setghatx tiehu in-nuqqas ta' entuzjazmu tar-rikorrent biex jigi finalizzat il-kaz tieghu quddiem dik il-Qorti bhala li fih innifsu jiggustifika dak id-dewmien. Jibqa' pero' l-fatt illi quddiem il-Qorti Kriminali l-kaz gie ripetutament differit ghall-aktar minn hames snin f'sitwazzjoni fejn, bhala regola, kazijiet appuntati minn dik il-Qorti ghal data ghas-smiegh fil-mertu effettivament instemghu u kien biss eccezzjonalment li jkun hemm differiment.

F'din is-sitwazzjoni ta' incertezza dwar x'wassal ghal dawn id-differimenti ripetuti ghal tant tul ta' zmien kienet gusta l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha illi d-dubbju kellu jmur favur ir-rikorrent ghaliex

oggettivament kien hemm dewmien mhux ragjonevoli anke jekk ma setghatx tiddentifika bi precizjoni r-raguni ghaliha. Naturalment dawn il-konsiderazzjonijiet kellhom effett, ukoll gustifikat, fir-rigward tar-rimedju akkordat. Din il-Qorti tixtieq tissolecita allura l-Qrati in generali dwar il-htiega assoluta illi l-verbali ghad-differimenti tal-kawza jkunu mhux biss cari u specifici imma wkoll jghidu b'ezattezza r-raguni ghaliex kien intalab id-differiment ta' kawza, r-raguni ghaliex gie michud jew milqugh. L-interess tal-gustizzja anke biex jigi tutelat sewwa l-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq hekk kien jirrikjedi. Dan japplika aktar u aktar fil-kaz ta' proceduri kriminali fejn aktar iva milli le l-Prosekuzzjoni u d-difiza jista' jkollhom motivazzjonijiet differenti imma jistghu wkoll kultant ikollhom l-istess motivazzjoni u raguni biex process ma jsirx.

Kien allura d-dover tal-gudikant li l-verbali fir-rigward tad-differimenti tal-kawza jkunu jirrispekkjaw il-verita'. Naturalment huma l-verbali li jorbtu fir-rigward tal-kondotta tal-kawza u mhux xi enuncjazzjoni "er catedra" mill-gudikant imzejna b'licenzja pojetika. Fir-rigward tal-allegat dewmien irragjonevoli fir-rigward tas-smiegh quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, din il-Qorti hi tal-fehma li setghet tistrieh fuq l-apprezzament tal-ewwel Qorti kif sewwa elaborat fis-sentenza appellata. Hu veru illi f'dan il-perjodu r-rikorrent kien priv mill-helsien in kwantu kien detenut bis-sahha tas-sentenza tal-Qorti Kriminali. Din ic-cirkostanza wehidha pero' ma kellha bl-ebda mod tkun determinanti ghall-fini ta' apprezzament tal-irragjonevolezza taz-zmien biex jinstema' l-appell kif

ma kellux ikun determinanti l-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali sabitu mhux hati u lliberatu minn kull addebitu.

Infatti fil-kaz taht ezami jirrizulta illi l-privazzjoni mill-helsien tar-rikorrent fiz-zmien rilevanti kienet perfettament legittima in kwantu kienet in esekuzzjoni ta' sentenza ta' Qorti. Naturalment il-fatt tal-arrest wara s-sentenza kellu jkun fattur biex l-istadju ta' appell jigi kondott b'solerzja u anke bi precedenza fuq appelli ta' min ma kienx qieghed priv mill-helsien. F'dan pero' din il-Qorti ma tarax li kien hemm dewmien inordinat li seta' jigi kwalifikat bhala irragjonevoli. Dan filwaqt li tifhem illi min ikun hekk arrestat u jigi eventwalment liberat minn kull addebitu, gustament ihoss illi kull sekonda li jaghmel hekk detenut kienet ingustifikata. Is-sistema gudizzjarju nostran ma jaghtix sal-lum rikonoxximent u rimedju ghal sitwazzjonijiet bhal dawn.

Kollox ma' kollox allura din il-Qorti ssib illi l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienu f'posthom u gusti kif ukoll korretti fattwalment u legalment. Is-sentenza sostanzjalment tirrikonoxxi li kien hemm oggettivament element ta' dewmien – liema konfuzjoni hi wkoll anke jekk b'malincuore avvallata mill-Avukat Generali. Pero' c-cirkostanzi kienu tali li ma kienux jimponu fuq il-Qorti li taghti rimedju kompensatorju ghal tali dewmien. Kien ghalhekk illi waslet ghad-decizjoni illi d-dikjarazzjoni ta' tali vjolazzjoni kienet bizzejjed bhala rimedju. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda esitazzjoni li tippronunzja illi l-

aqwa rimedju effettiv li persuna akkuzata jista' jkollha biex tassigura l-jedd fondamentali taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli hu proprju dak illi tinvoka dak id-dritt appena z-zmien dekors jibda jsir irragjonevoli. L-allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' jedd fondamentali ma kienitx u ma kellha qatt tigi ridotta ghal ghodda procedurali biex tfixkel jew tavvanza proceduri gjudizzjarji u lanqas biex jittiehed vantagg finanzjarju jew xorta ohra minn sitwazzjoni negattiva li, fi zmien proprju, kien jikkonvjeni lir-rikorrent illi jiffavoriha jew jissapportiha. Dan ifisser illi f'cirkostanzi normali fejn ma jkunx hemm sitwazzjonijiet li kjarament jimpedixxu lir-rikorrent li jaccedi ghall-organi kostituzzjonali biex jipprotegi l-interessi vitali tieghu – sitwazzjoni din eccezzjonali li fortunatament rari tigri – il-persuna li tallega li l-jedd fondamentali taghha jkun qieghed jigi attwalment vjolat jew mhedded kienet mistennija li tempestivament tagixxi, hi wkoll fiz-zmien ragjonevoli, ghall-protezzjoni ta' tali jedd.

Dawn huma l-konsiderazzjonijiet li l-Qorti kellha tiehu akkont taghhom u kienet allura f'postha l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata illi "r-rikorrent ma lmenta minn ebda dewmien hlief meta kellu ezitu favorevoli mill-appell u qatt ma ssollecita biex il-proceduri fil-konfront tieghu jigu konkluzi". Gustament ukoll l-ewwel Qorti rravvizzat li ma kien hemm l-ebda bazi legali ghat-talba tar-rikorrent ghall-hlas ta' danni ghal telf finanzjarju li sofra fiz-zmien li kien il-habs minhabba l-arrest inutili tieghu. Kif gja' fuq rilevat, l-arrest kien konsegwenzjali ghal

sentenza ta' Qorti. Certament ma setax jissejjahx inutili ghaliex, skond dik is-sentenza, kien instab hati tar-rejati lilu addebitati. Il-fatt li z-zmien tal-process kien wiehed taht certu aspetti rragjonevoli bl-ebda mod ma kien ser jimpingi fuq l-utilita' tal-arrest tieghu konsegwenzjali ghal dik is-sentenza. Dan proprju ghaliex kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti tali dewmien ma giex ravvizat fil-proceduri fl-istadju ta' appell imma fi proceduri quddiem il-Qorti Kriminali. Din il-Qorti allura kkonsidrat il-fatti specie partikolari tal-kaz, ma ssibx li ghandha raguni bizzejjed biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti anke fir-rigward tal-ghoti tar-rimedju li kien ukoll applikabbli ghall-kazi kongruwi fejn il-gudikant ikun wasal ghall-istess konvinciment.

Indipendentement minn jekk jew le "huwa veru illi l-appellanti jista' ma jkunx mir-razza ta' dawk li jixirqilhom kumpens bhal kazijiet ohra ta' eluf kbar ta' liri li gew akkordati" - kumment dan tal-appellant li seta' u kellu jigi evitat – il-fatti, kif provati, pjenament jissufragaw il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-appellant. L-ispejjez tal-Prim'Istanza kellu jbatihom l-appellat kif deciz mill-ewwel Qorti.

Dep/Reg

mg